

# Ta' Passi

**Kitba ta' Mathea Vassallo**
***Bandista Clarino 2do***

Ta'Passi l-passaġġ id-dejjaq li nsibu fit-triq Fawwara, nistgħu ngħidu li jagħmel mal-parti rurali ta' raħalna għaliex qiegħed f' ambjent kwiet imdawwar b'ħafna tapiti ħodor specjalment fil-ġranet xitwija,

Ġeneralment nifhmu li ta' Passi huwa dak il-passaġġ li jgħaqqad Triq Fawwara ma' Triq l-Imġarr u li jispiċċa f'żewg ferghat. Jinfed il-parti ċentrali tar-raħal mal-parti ta l- Imġarr. Sa ftit żmien ilu l-parti li tibda mill-Fawwara kienet tibda b'taraġ mal- ħajt tal-ħanut "Glory of England" ta' Mawru Attard. Wieħed seta' jgħaddi minn hemm billi jimxi fuq ħajt wiesa' ta' żewg piedi. Min jaf kemm suldati Ingliżi waqgħu minn hemm għal ġo l-għelieqi peress li kienu jkunu fis-sakra. Il-fdal ta' dan il-ħajt għadu fostna sal-llum li jidher taħt il-pont. Maġenb il-pont fin-naħa tal-lemin illum wieħed jara pjazzetta 10 ta' Diċembru li tinsab taħt il-kazin tal-banda u li warajha sewwa ġie żviluppat il- 'parking plot' Max-xellug ta' dan il-pont wieħed jara l-għelieqi li jibqgħu sejrin sa 'Wied ir-Rajjes'.

Dan il-wied jagħti dehra li ssaħar f'ta' Passi. Certa li meta jigu t-turisti, qatt ma jixbgħu jħarsu lejh. Illum dan il-wied wieħed jarah kollu qasab, siġar tal-ħarrub li min jaf xi ġrajjiet ta' liema sena jafu, li kieku kien jitkellem u wkoll ħafna ħaxix aħdar li jkompli jiżboq dan il-gmiel tan-natura. Iż-żewg mini li jidhru fi triq Simirat huma l-bidu ta' dan il-wied li jibqa'nieżel sax-xatt.
Fl-antik f'dan il-wied kien hemm qisu banju kbir tond tal-ġebel li minn barra kien imħaffer iżda minn ġewwa kien lixx u jiżloq. Dan kien jintuża l-aktar min-nies biex jaħslu l-ħwejjeġ ġo fih. Kien hemm ukoll għajn ta' l-ilma gieri fejn, l-ilma kien jinqasam f' żewg naħat; naħa minnhom kien jagħti għal ġo ħawt tal-blat u n-naħa l-oħra għal ġo kanal li kien jagħti għal ġo l-għajn tal-ħasselin. Din l-għajn kienet magħmula minn loġoġ li minnhom 'il ġewwa kien hemm ħawt bl-ilma ġej il-ħin kollu minn ġol -kanal tal-għajn. Ta' min isemmi wkoll li f' dan il-wied kien jidher torri li kien magħruf bhala "Torri ta' Kerrew" li llum għalkemm iġarraf il-pedamenti tiegħu għadhom hemm.

X'ħin tneħħi ħarstek minn fuq dan il-wied, quddiemek tara jiddomina s-santwarju ta Loreto, tara wkoll il-pjazza majestuza li bla dubju ta' xejn tagħti dehra oħra mill-isbah fuq ta' Passi. Jispikkaw ukoll il-każin tal-Banda u tal-Football li min jaf kemm jaffrontaw nies matul is-sena aħseb u ara fil-ġranet tal-festa! It-tezazzin tal-każin tal-banda jkun l- aħjar post fejn wieħed igawdi veduti pittoreski tal-wied, ta' passi u tal-port ta' l-Imġarr. Minn ta' Passi naraw ukoli il-grawnd grandjuz tal-Football fejn ħafna tfal u żgħażagħ iqattgħu ftit mill-ħin liberu hemm. Mill-istess post ukoll tfeġġ l-iskola primarja "Anton Cassar" fejn kull tifel u tifla għajnslemizi bdew l-edukazzjoni tagħhom dan il-passaġġ naraw ukoll il-'Playing Field" li jgawdi ħafna t-tfal jilagħabu ferħanin u ż-żagħżagħ fejn ta' kull fil-għaxija jiltaqgħu jgħidu xi kelma bejniethom. Ma nistax ma nsemmix id-djar antiki li jagħtu dehra folkloristika mill-isbah lil dan il-passaġġ.

X'hin wieħed jibqa' sejjer għal-għonq il-passaġġ, wiehed jerga jiltaqgħa ma bosta binjiet. Fost dan il-bini tfeġġ fuq ta' Passi l-Kappella ta' Lourdes u jkunu l-qniepen tal-kapella li bit-tokki ħelwin ta' 'l-Ave Marija' jkissru l-ħemda t'hemmhekk. Wara l-knisja ta' Lourdes tara wkoll "Lourdes Home" Ii tilqa fiha tfal orfni. Binja oħra, li tilqa' ħafna turisti li tinsab fin-naħa tax-xellug ta' dan il-passaġġ hija l-"Grand Hotel" li nsibuha tħares ukoll fuq il-port ta' l-Imġarr. Dirett minn dan il-passaġġ tilmah bla ma tkun trid il-port ta' l-Imgarr li mhux biss jiddomina f'ta'Passi, iżda mar-raħal kollu. Jagħmlu sabiħ il- vapuri tal-Gozo Channel li l-ħin kollu jkunu jaqsmu l-fliegu bejn Malta u Għawdex. Tilmah ukoll il-gżira ta' Kemmuna u t-torri ta' Santa Marija li jlu mwaqqaf fuq din il- gżira ckejkna mis-seklu 17(1600).

Minn n-naħa tal-lemin wieħed jilmah ukoll il-Fortizza Chambray li kienet tintuza bħala 'rest camp' għal dawk is-suldati Inglizi li kienu jweġġgħu serjament f'xi battalja. Dawn is suldati kienu jibagħtuhom hemm biex ifiequ u jistriehu. F'din il-fortizza kien hemm ukoll sptar mentali.

Ta' Passi huwa wirt storiku, għalhekk għandna ngħożżuh biex nkunu nistgħu ngawduh kemm aħna kif ukoll ta' warajna. Dan, biex jibqa' f'istat naturali tiegħu, mhux kif sfortunatament gara fil-fortizza Chambray. F' kelma waħda jiddispjaoini ngħid li ma baqgħetx fi-istat naturali tagħha u għalhekk lanqas nistgħu ngawduha!

